Aqta' hawn

# Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend

Il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend għandha timtela mill-Azzjonisti li jixtiequ jirċievu **ishma ġodda bħala ħlas ta' dividend** għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2025.

**Għal dawk l-Azzjonisti li jixtiequ jirċievu d-dividend tagħhom fi 'flus', l-ebda azzjoni mhi meħtieġa.**

Skont ir-rakkomandazzjoni dwar l-i*scrip* dividend (ara l-Punt tal-Aġenda Numru 4), li qed tiġi proposta għall-approvazzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss tal-APS Bank plc, jekk tiffirma l-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend u tirritornaha sad-data tal-għeluq indikata hawn taħt, tkun qed tikkonferma l-għażla tiegħek biex tirċievi d-**dividend nett** li jmissek **f'ishma ġodda**.

**Il-Formola kompluta għandha tasal għand is-Segretarjat tal-Kumpanija, APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR4012, sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 5 ta' Mejju 2026.**

**Jekk jogħġbok irreferi għan-Noti misjuba fil-ktejjeb mehmuż għad-dettalji dwar kif tintbagħat il-Formola.**

Sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni xierqa, it-tabella hawn taħt tipprovdi spjegazzjoni dwar l-għażliet li għandek ta' kif tista' tirċievi d-dividend nett li jmissek, jekk titħallasx fi flus (Għażla 1), jew tingħata ishma ġodda (Għażla 2). Nistiednuk tirreferi għat-Taqsima 3A taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.

| **Isem l-Azzjonist** | | | | **Kont tal-MSE** | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Numru ta' Ishma fis-6 ta' April 2026** ***(Record Date)*** | | | | | |
| **Kont tat-Taxxa/Qligħ miksub fis-Sena ta' Stima** | **Rata tat-Taxxa (%)** | **Dividend Gross għal kull Sehem (€ ċenteżmi)** | **Dividend Gross (€)** | **Taxxa Miżmuma (€)** | **Dividend Nett (€)** |
| | | | | | |
| 'IPA' - Kont tal-Proprjetà Immobbli; 'YA' - Sena ta' Stima – 2019 | | | | | |
| **Għażla 1: Dividend totali fi flus (€)** | | | | | |
| **Għażla 2: Dividend totali f'ishma ġodda** (ibbażat fuq *l-attribution price* ta' €0.50 ) | | | | | |

Il-ħlas tad-dividend, u d-dħul tal-ishma ġodda fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta, skont il-każ, ser iseħħ sat-**22 ta' Mejju 2026**, bin-negozjar tal-ishma elenkati ġodda jkun jibda fil-jum ta' negozju li jmiss.

Ninfurmawk li d-dritt tiegħek għall-ħruġ ta' ishma ġodda mhuwiex trasferibbli.

Jekk għandek xi dubju dwar liema għażla għandek tagħmel, nissuġġerulek li tieħu parir mingħand konsulent independenti tal-għażla tiegħek.

Jien/Aħna, bħala azzjonist/i tal-APS Bank plc, nagħżel/nagħżlu li nirċievi/u d-dividend nett li jmissni/a għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2025 permezz ta' **allokazzjoni ta' ishma ġodda**.

SAMPLE

**DATA**

**FIRMA TAL-AZZJONIST/I**
**(Jekk int firmatarju maħtur, jekk jogħġbok inkludi r-rwol tiegħek)**

***Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima tan-Noti misjuba fil-ktejjeb mehmuż.***
***English version overleaf.***